MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2011

Numru. 197/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Keith Stevens ta' 21 sena, bin Donald u Catherine nee Calleja, imwieled Romania nhar it-28 ta' Novembru 1990, residenti 66, Wind Chimes, Triq Zabrella, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita 583890M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-17 ta' Frar 2011, kif ukoll fl-ahhar sena qabel dik id-data f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta;

1. Gie akkuzat talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-

Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lil persuna/i, minghajr ma kellu licenza tal-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tan-1939, ghal kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew min xi awtorita moghtija mil-President ta’ Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr ma ien fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruq mit-tabib principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima ta’ l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellux licenza jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga, u dan bi ksur tar-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 291/1939), kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta’Malta;

Aktar talli f’dawk l-ahhar tlett snin, f’hinjiet differenti u fi bnadi ohra f’Malta:

2. kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga ‘msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Kellu fil-pussess ir-raza mehudha mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Kellu fil-pussess tieghuu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubbliku, bi ksur tad-disposzizzjonjiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maga Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu 2 tas-subartikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) u l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi fil-konfront tal-imputat ghanhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 22(9) u tal-artikolu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu, l-fatt illi fil-konfront tal-imputat ghandu japplika dak dispost fl-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-fatt illi l-imputat qed jghin lill-pulizija f'-investigazzjonijiet ohra u finalment jidher illi l-imputat illum irriforma hajtu u kwindi piena karcerarja ma tkunx idoneja f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 8(a), 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii), 22(9) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 atal-1985, 40A, 120(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' Section 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

Finalment il-Qorti qed twissi lill-hati li huwa jista' jibbenefika minn dak dispost fl-artikolu 22(9) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta ghal darba biss

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------